ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 54 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |
| Uffiċċjali | |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Donna Mallia |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;
5. Part-timer;
6. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Settembru 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Settembru 2012;
7. Devoluzzjoni – ATM Machine;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 53 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Fil-bidu tal-laqgħa qabel għaddejna għat-Tagħrif mill-Minuti nqrat l-ittra li d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ndirizza lis-Sindku fejn infurmana bl-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sinj. Donna Mallia bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-22 ta' Settembru, 2012, liema approvazzjoni hi skond ir-Regolament 7 ( Riżorsi Umani Avviż Legali 127 tal-1992) tkopri l-ħatra għal 90 jum mid-data tal-effett.*

*Il-Kunsill Lokali qabel ma' din l-approvazzjoni u jitlob biex jinbdew il-proċeduri ħalli s-Sinj. Donna Mallia tibda taġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv anki billi tkun wahda mill-firmatarji għal ħlasijiet tal-Kunsill.*

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item 3.18, Is-Sinj. Hermitage ġiet notifikata sabiex tkun tista' tipproċedi bil-pubblikazzjoni tal-materjal promozzjonali sabiex isiru l-korsijiet.

Dwar item 3.3, is-Sindku qal li kitbet il-MEPA fejn infurmat li nħareġ avviż legali tal-Ġnien tal-Villa Mekrech fejn parti minnhu ġie skedat u parti oħra n-naħa ta' Triq il-Kunċizzjoni jista' jsir bini ta' mhux aktar minn żewġ sulari.

Dwar item 6 tal-Minuti preċedenti, is-Sindku qal li l-Kunsillier Attard iltaqa' mas-Sur Francis Bonnici u qalhu li ma' jsib ebda oġġezzjoni sabiex isir il-kanal minn naħa tal-Kunsill fi Triq San Ġorg.

Dwar Item 10 d, is-Sindku qal li sar kuntatt mas-Sur Baldacchino, fejn ser isir laqgħa miegħu u mas-Sur M. Farrugia ta' Wirt Artna ħalli tiġi diskussa l-possibilta' tar-restawr tat-turretta. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Sur Baldacchino u Sur Farrugia.

Dwar item 10 f, ktibna lit-TM dwar Triq in-Nigem fuq din il-problema fejn ġejna mgħarrfa li din ser tiġi mgħoddija għall-attenzjoni tal-Perit tar-Reġjun tat-TM.

Is-Sindku nforma li saret laqgħa ma' TM minħabba vetturi kbar sabiex ma jkunux ostakolati f'toroq fejn il-parkeġġ jinsab fuq żewġ naħat u ħabba f'hekk tinħoloq konġestjoni fit-triq u għalhekk ipproponew li f'ċertu toroq il-parkeġġ isir fuq naħa waħda tat-triq ħalli tissolva din il-problema.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 35/2012 – Skema t'Impjieg Inklussiv fil-Komunita', fejn il-Kunsilli ġew mħeġġa sabiex impjegaw persuna b'diżabilta', fejn id-*dead line* kienet fil-5 ta' Ottubru, 2012, għal din il-laqgħa attendiet il-Kunsillier Agius. Il-Kunsillier Agius qalet li laqgħa li saret ġewwa l-Kunsill Loklali ta' Ħal Kirkop kienet dwar kuntratt li se jkun għal tlett snin u Kunsilli Lokali żgħar ikunu ntitolat għal impjegat wieħed u adwn jistgħu jaħdmu sa masimu ta' 8 siegħat kuljum ivarja skond id-diżabilita' tal-persuna kkonċernata u din tapplika biss għal dawk li jkunu qed jirreġistraw.. Il-Kunsill talab estensjoni u din ġiet aċċetata. Fir-rigward ta' din il-Memo id-Dipartiment informa li dead line ġiet estiżi b'mod in ġenerali sal-15 ta' Novembru, 2012. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-Iskema
   Memo 36/2012 – Is-sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrateġija Ewropa 2020.

   Mid-Dipartiment infurmaw li mill-Iskema tal-Enerġija Alternattiva Memo 10/2010 ġew depożitat fil-kont € 4,453.79, dawn ġew installati fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.
   Bagħatu wkoll dwar Proġett imsejjaħ 'Proġett Epitome' – Kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew dwar korsijiet tal-computers lill-pubbliku.
   Infurmaw ukoll dwar sejħa għal proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.
   Għarrfu wkoll dwar servizz ta' Wifi fl-Uffiċċini tal-Kunsilli Lokali fejn infurmaw li mir-raba' allokazzjoni tnaqqas l-ammont ta' € 120 għal perjodu ta' bejn 01.06.12 sal-31.05.13.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser isir Konferenza TICTAC bejn id-29 u 31 t'Ottubru, 2012, fil-lukanda Dolmen.
   Irċevejna dwar laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex ser isir fl-10 ta' Novembru, 2012, fil-lukanda Dolmen. Għal din il-laqgħa ser jattendu is-Sindku, Kunsillier Agius.

   Infurmaw dwar *Healthy Mobility in Sliema – A Case Study,* li ser isir fit-13 t'Ottubru, 2012, il-Palace Hotel, Sliema.
   Bagħatu wkoll dwar offerta għall-Kunsilli Lokali fuq il-*Heritage Malta Birgu Sites*.
   Irċevejna dwar Talba għall-ġemellaġġ mal-Belt ta' Elancourt, Franza.
   Infurmaw ukoll dwar kors fuq Income Tax.
   Għarrfu wkoll li ser isir seminar dwar *Sustainability in Industrial Areas*.

3. Mill-MEPA bagħatu applikazzjoni PA 2283/12 dwar alterazzjonijiet fi kmamar ġa mibnija fi Triq San Pawl.
   Applikazzjoni oħra PA 2307/12 dwar tiġdid ta' permess approvat għal xi alterazzjonijiet fi Triq il-Gebelin.
   Applikazzjoni oħra PA 2318/12 dwar tiġdid ta' permess sabiex iwaqqa' u kostruzzjoni ta' erba' residential units f'Dawret Ħal Għaxaq.
   Bagħatu jinfurmaw li l-livellar li kien hemm bżonn li jsir fi Triq San Ġorġ sar u tlesta.
   Infurmaw dwar PA 333/07 fl-areas Tal- Giarda / Tal-Qattus fit-Triq Patri G. Grima, Triq G. Scicluna, sabiex jiġi stabbilt l-għoli tal-bini u livellar tat-toroq.
   Notifika ta' Avviż fis-sit Triq il-Gistakor.
   Anness ukoll DCC.

4. Mingħand *Transport Malta*, fejn infurmaw li talab li saret sabiex isir *reserved parking bay*, fi Triq San Bastjan fejn ġiet approvata għal sena.

5. Mingħand Perit Ellul fejn iċċertifika x-xogħol li għamel il-kuntrattur Sammut tal-*Housing Estate* li jammonta għal € 8,077.33. Is-Sindku qal li qed jipprova jsir kuntatt kontinwu mal-kuntrattur Sammut sabiex ikompli, peress li din il-problema qed tiġi ffaċċjata ta' spiss sar qbil li għal quddiem tidħol parti fl-*ispecifications* tat-*tender* il-perjodu sa kemm għandu jkun lest proġett. Il-Kunsillier Agius ipproponiet li għandha tintbagħat ittra lill-kuntrattut bħala notifika sabiex ikompli bix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

6. Mingħand il-GAL Xlokk infurmaw li fir-rigward ta' Miżura 313, marbuta mal-Ġnien tal-*Housing Estate*, li l-pagamenti marbuta magħha jistgħu jsiru w ukoll jiġu pprezentanti l-irċevuti sabiex nitħallsu tagħhom .

7. Mingħand M. Cassar tal-KMS, fejn irċevejna l-applikazzjoni tal-*After School Sport Programme* 2012-2013, sabiex jiġu mqassma l-Iskola u hekk sar.

8. Mingħand *The Guard and Warden Services* il-kumpanija l-ġdida tal-gwardjani lokali mill-1 ta' Settembru,2012, fejn infurmat bit-tariffi l-ġodda tat-*Traffic Management Services* fejn prattikament dawn baqgħu l-istess.

9. Mingħand Regjun Nofsinhar irċevejna l-*Management Letter* u risposta tagħha.

10. Mingħand l-Agenzija Żagħżagħ sabiex jiġu maħtur Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ 2012/13 fejn irċevejna l-applikazzjoni flimkien mal-kundizzjonijiet. Is-Sindku nforma li rigward spejjeż dawn jiġu koperti meta jintagħżel il-proġett u li parti mill-ispiża trid tiġi koperta mill-Kunsill Lokali. Minn naħa tal-Aġenzija nfurmaw li qed iduru l-iskejjel sabiex jaraw min hu neterssat.

11. Mill-MEUSAC dwar laqgħa ta' Konsultazzjoni fuq Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, fit-18 ta' Ottubru, 2012 ġewwa l-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

12. Mingħand *Home-Start Malta*, fejn bagħatu dwar is-servizzi li joffru ta' sapport mingħand ġenituri lill-ġenituri stess dwar diffikultajiet li jinsabu fihom fit-trobbija tat-tfal.

13. Mingħand il-WasteServ Malta, fejn infurmaw li bejn is-17 u l-25 ta' Novembru, 2012, ser ikun '*The European Week for Waste Reduction*'.

14. Mingħand is-Sur Azzopardi, fejn infurma li ser isir fund raising għat-tifla tiegħu qabel il-Milied fis-Sala tal-Knisja Swatar sabiex min irid jista' jattendi u jagħti donazzjoni

15. Irċevejna e-mail mingħand Aaron Axiaq fejn qed joffri s-servizz sabiex jagħti t-tilqma bil-prezz ta' € 0.70c kull tilqima. Is-Sindku għarraf li ġie avviċinat mill-ispiżjar tal-*Beta Pharmacy* li hu lest li joffri servizz tiegħu bla ħlas u wkoll li jsir avviż fl-ispiżerija li dan is-servizz qed jingħata mill-Kunsill Lokali, għalhekk ser tigi avviċinata l-ispiżjara *ta' St.Philip Pharmacy* biex naraw jekk hix nterssata tagħti dan is-servizz bla ħlas u wkoll li jsir l-istess avviż. Il-Kunsill qabel.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lil TM, fejn għarrafniha li bi d-dislivell li hemm fi Triq in-Nigem, fejn hemm biċċa minnha asfaltata u l-oħra le, kawża ta' hekk meta tagħmel ix-xita qed ikun hemm għadira kbira ta' ilma, huma nfurmawna li ser jgħadduha lill-Perit tar-Reġjun.

Intbagħatet e-mail oħra dwar Triq San Gorg fejn ġejna nfurmati mis-*surveyor* tal-MEPA li hemmhekk irid isir *water culvert*. It-TM nfurmaw li bħala rati nistgħu nimxu fuq dawk li kienu bagħatu relatati sabiex isir it-triq u bħala ħlas tal-*water culvert* lit-*Transport Malta*.

b) Intbagħatet e-mail lil Kerry Hermitage fejn infurmajniha li rigward il-korsijiet tista' tibda tqassam il-materjal promozzjonali.

## 4. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

B'referenza għall-ittra mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali li nqrat fil-bidu tal-Laqgħa dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv jingħad dan li ġej :-

Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li s-Segretraju Eżekuttiv tinsab indisposta għax weġġet saqqaja u kisret laksa u ser idum ma' tirritorna lura għax-xogħol. Peress li l-Kunsill ma jistax jagħmel dan it-tul ta' żmien bla Segretarju Eżekuttiv sabiex jibqa' jopera b'mod normali saret talba lid-Diartiment tal-Gvern Lokali ħalli s-Sinj. Donna Mallia tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u tali talba ġiet approvata u għalhekk saret din il-ħatra għal 90 ġurnata.

Il-Ministru approva l-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fit-22 ta' Settembru, 2012 u għaldaqstant irid jsiru l-arranġamenti finanzjarji relatati ma' din il-bidla.

Is-Sur Abdilla qal li mit-22 ta' Settembru, 2012, il-ħlas tas-Sinj. Mallia għandu jigi aġġustat għal dak ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u talab sabiex isir kuntatt mad-Dipartiment ħalli tiġi ċcarata l-paga tagħha u wkoll fir-rigward ta' Sibtijiet li ilha tiftaħ mit-22 ta' Settembru, 2012, s'issa dawn għandhom jitqiesu bħala *time off*. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Part-timer

Is-Sindku ppropona li jintalab parir mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward tal-proċedura sabiex jiġi ngaġġat part-timer u fl-istess waqt nistaqsu jekk sakemm jimtela' l-post tal-part-timer tkunx tista' tinstab persuna oħra b'mod temporanju sabiex tkun tista' tgħin lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-operat ta' kuljum tal-Kunsill.

Is-Sur Abdilla ppropona lis-Sur Joe Picco bħala dik il-persuna temporanja li kapaċi tagħmel ix-xogħol rikjest. Is-Sindku qal li meta niktbu lid-Direttur navżawh lis-Sur Joe Picco jiġi missier il-Kunsillier Picco, ħalli l-affarijiet isiru sew u minħabba xi konflitt ta' nteress li jista' jinħoloq.

Il-Kunsill qabel li troħroġ sejħa sabiex tiġi ngaġġata *part-timer*.

**6. Materji Finanzjarji**

a. *Petty Cash*: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru 2012, li kienu jammontaw għal € 31.99. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€ 31.99 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Settembru 2012*: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda Skeda ta'm Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2012 u li jammontaw għal **€ 97,067.65**. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

7. **Devoluzzjoni – ATM Machine**

Is-Sindku nforma li rċevejna l-ftehim sabiex tkun tista' ssir devoluzzjoni ta' din l-art fejn ser tiġi nstallata l-ATM, fejn bħala rata għall-ewwel intalbet dik ta' € 1,500 fis-sena.

Is-Sur Vassallo qal li sar kuntatt mad-Dipartiment tal-Artijiet u anke mal-Onor.J. Azzopardi sabiex din il-kera tiġi riveduta u jekk dan ma jsirx id-devoluzzjoni kienet ser tigi rrtirata minn naħa tagħna minħabba l-prezz għoli li ntalab iħallas il-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll li ntlabna garanzija mill-Onor. Azzopardi li aħna minn dan kollu m'aħna ser indaħħlu xejn, fejn dan qed isir biss sabiex ir-residenti Għaxqin ikunu moqdija aħjar, b'hekk sar intervent minn naħa tal-Onor. Azzopardi fejn il-kera ġiet riveduta għal € 250 fis-sena.

Il-Kunsill qabel sabiex nieħdu d-devoluzzjoni tagħha u titħallas is-somma ta' € 250 fis-sena.

8. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a) Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega sabiex tinħareġ kwotazzjoni għat-tiżjin tat-toroq tal-Milied. Naraw x'hemm kartolini u nordnaw ħamsin *diary* ħalli ninfurmaw lill-istampatur. Il-Kunsill qabel.

b) Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa ghal bozza ġdida fi Trejqet ir-Rummien sabiex isir it-talba lill-Enemalltra. Il-Kunsill qabel.

ċ) Is-Sur Vassallo qal li hemm bżonn li nordnaw 100 borża *cold asflat* ħalli nduru xi ħofor li hemm fit-toroq. Il-Kunsill qabel.

d) Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li sir Konferenza Stampa minħabba Triq Giovanni Scicluna rigward id-dewmien li qed ikun hemm minn entitajiet Governattivi sabiex din finalment isir kif ġie mwiegħed.

Is-Sur Vassallo qara l-Istqarrija li ser tiġi preżentat fil-Konferenza Stampa fejn il-Kunsill qabel mal-kontenut tagħha u ġie deċiż li din isir wara Nofsinhar u wkoll ninfurmaw il-quddiem bil-ġuranata eżatt ta' meta ħa ssir preferibilemtn li tkun il-ġurnata tas-Sibt. Kif ikollna risposta definittiva ninfurmaw lir-residenti tat-triq.
Il-Kunsill qabel.

e) Il-Kunsillier Agius qalet li nies li joqogħdu fiil-flats tal-Gvern qed jilmentaw ħabba ċerti żgħażagħ li qed ikunu l-grawnd u anke fil-ġnien ħabba storbju u vandaliżmu li qed jagħmlu.

Is-Sindku ppropona li jsir kuntatt ma' persuni kompetenti mis-*CCTV cameras* sabiex isir monitoraġġ tal-akwata.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir kuntatt mal-Pulizija ħalli tiżdied ir-ronda hemm hekk u ssir laqgħa mal-Ispettur Mercieca biex naraw kif din il-problema tista' tissolva.
Il-Kunsill qabel.

f) Is-Sinj. Agius issuġġeriet sabiex isir il-biċċa tal-bankina fi Triq D. Buttiġieg fejn din suppost saret minn naħa tat-*Transport Malta* u għadha ma saritx sal-llum.
Il-Kunsill qabel.

g) Il-Kunsillier Agius issuġġeriet li l-ħaddiema tal-Kunsill dak tal-IPSL u tal-ETC għandhom jintużaw ħalli fejn hemm bżonn bħal nirranġaw xi bankina madwar il-lokal jiġu mqabbda huma.
Is-Sindku qal li sar fejn hemm bżonn li dan isir u jintużaw dawn il-ħaddiema sabiex jigi esegwit dan ix-xogħol.
Il-Kunsill qabel.

h) Is-Sinj. Agius qalet li ġiet avviċinat mis-sid tal-ħanut *Soapy Corner,* fejn talab sabiex isir *crash barrier* sabiex jiġi evitat kull ta' periklu ħabba tfal. Is-Sindku qal li tali talba trid isir Transport Malta. Il-Kunsill qabel.

i) Il-Kunsillier Agius qalet li hemm il-ħtiega ta' żebgħa għall-parkeġġ f'Dawret Ħal Għaxaq. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb sabiex din isir. Il-Kunsill qabel.

j) Is-Sur Abdilla staqsa ta' kif mhux qed jinġabru l-boroż suwed bil-ħaxix fl-iskip. Is-Sindku qal li għandna nivverifikaw mal-kuntrattur Mifsud ta' kif mhux qed jinġabar dan it-tip ta' skart. Il-Kunsill qabel.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

k) Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħtieġa sabiex isir talba ħalli Bir-id-Deheb jkun hemm Latrini Pubbliċi ghax qed ikun hemm ħafna abbużi, peress li saret żona kummerċjali u l-ħwienet li hemm m'għandhomx servizz ta' *toilets*. Is-Sindku staqsa fejn dawn jistgħu jsiru u s-Sur Abdilla ssuġġerixxa li sakemm jinbena post isiru *mobile toilets* temporanji.

Il-Kunsillier Agius pproponiet li niktbu lil tal-ħwienet għal *sponsor* sabiex tkun koperta parti mill-ispiża.

Is-Sur Abdilla qal li bħala post idejali ta' fejn għandhom jkunu huwa ħdejn l-iskips.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba għal għalqa ta' wara l-iskips sabiex tkun tista' tintuża bħala l-post ta' fejn dawn il-Latrini Pubbliċi ghandhom jkunu u tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-Kunsill qabel li niċċekjaw mal-fornituri li jikru l-*mobile toilets* għall-aħħar tlett ijiem tal-ġimgħa sabiex ikollna idea ta' kemm tiġi l-ispiża u hekk fil-każ tinħareg sejħa għal kwotazzjoni.

l) Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa sabiex isir kuntatt mad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jieħdfu ħsieb iż-żbir taż-Żebbuġ. Is-Sindku ppropona sabiex jitolbu ghad-devoluzzjoni taż-Żebbuġ sabiex nibdew il-proċess. Il-Kunsill qabel.

m) Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa li niktbu lid-Direttur tal-ELC minħabba Valletta Road kif tispiċċa u tkun ħa taqbad tal-Barrani hemm dawk l-isplays sabiex isir manutenzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Agius qalet li żbir tal-Bypass waqaf hekk żoptu, s-Sindku qal li diġa' konna ġbidna l-attenzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel.

n) Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtieġa sabiex jitkejjel il-ġebel tat-turretta tat-*toilet* li jinsab fuq wara għax għandhu bżonn jinbidel. Is-Sindku qal li naraw x'jgħid is-Sur Farrugia ta' Wirt Artna meta niltaqgħu miegħu fuq hekk. Il-Kunsill qabel.

o) Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Monument tal-Annimali u l-ħajt li hemm, sabiex niċċekjaw mal-Perit Ellul x'ser jsir eżatt ħalli jekk ikun ser jgħola aktar il-ħajt noġġezzjonaw għalih għax ikun qed jinħoloq ostaklu akbar għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-3.45pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Donna Mallia**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012, fis-2.00pm</u>**